MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 551/1997/1

John Borg
vs
Chairman Kalaxlokk Construction u b'digriet tal-20 ta' April 1999 giet korretta ghal Chairman Kalaxlokk Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preiz fi jew ghal habta ta' Jannar 1990 ir-rikorrent sofra ingustizzja fi transfers vendikattivi.

Illi l-fatti fil-qosor kienu li r-rikorrent kien ilu jahdem mal-Kalaxlokk ghal dawn l-ahhar 10 snin. Illi qabel ma beda jaqla' t-transfers, huwa kien jahdem bhala heavy plant driver, kif ukoll bhala engine driver. Kemm dam jaghmel dan ix-xoghol, r-rikorrent qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu. Illi r-rikorrent qatt ma nghatatlu raguni

valida ghalfejn ma kellux ikompli jahdem bhala engine driver.

Illi meta gie trasferit mhux hu biss sofra ingustizzja imma l-familja tieghu ukoll ghaliex huwa tilef madwar Lm33 fix-xahar allowance ta’ engine driver. Illi f’perjodu ta’ madwar sena u nofs r-rikorrent gie trasferit ghal Plant Stores, Mechanical Services, Welders Section, PMRS Section Plant and Transport Section, HAM Dredging u regghu baghtuh lura l-Plant and Transport Section.

Illi r-rikorrent hass li dawn it-transfers kollha kienu gew moghtija minhabba fit-twemmin politiku tieghu. Illi minhabba dawn it-transfers, r-rikorrent hass li kellu jipprova triq ohra billi jsib xoghol iehor u b’hekk mill-25 ta’ Jannar 1993 ha tlett xhur unpaid leave. Illi meta’ spicca l-leave fl-20 ta’ April 1993, r-rikorrent mar lura l-Kalaxlokk fejn gie accertat mis-Sur Mamo, l-Assistent Chairman, permess tal-GWU li l-kumpanija ma kelliex il-hsieb li taghti lil haddiema redundancy scheme. Ir-rikorrent kien spicca jahdem mal-Kalaxlokk fil-21 ta’ April 1993. Fil-fatt wara din ir-rikorrent sar jaf li nghata redundancy scheme lil haddiehor.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu x-xhieda indikati f’dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi redundancy scheme li tilef u l-engine driver allowance, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5000 kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta’ Kalaxlokk Company Ltd li eccepiet:

Illi r-rikors sar kontra c-Chairman ta’ Kalaxlokk Construction. Lill-intimat ma jirrizultalux li qatt kienet tezisti xi kumpanija b’dan l-isem. Certament illum din il-kumpanija ma tezistix. Illi ghalhekk, galadarba r-rikors tar-rikorrent sar kontra persuna li ma tezistix, t-talbiet kollha tal-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ghal kull buon fini tal-ligi u subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga ntqal il-Kalaxlokk Company Limited bir-rispett tixtieq tesponi s-segwenti.
Illi fost l-ohrajn, ir-rikorrent ilmenta li wara li hu ghazel li jittermina x-xoghol tieghu haddiehor inghata ‘redundancy scheme’. Ir-rikorrent allega li saret ingustizzja mieghu ghax allega li f’April ta’ 1993 l-kumpanija nfurmatu li ma kellhiex hsieb li taghti xi “redundancy scheme” meta fil-fatt wara sar jaf li xi haddiema ohrajn inghataw redundancy gratuity. Dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza biex jiddeciedi dwar dan l-ilment tar-rikorrent stante li dan l-ilment ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 6 tal-Att VIII ta’ l-1997. Infatti dawn l-allegazzjonijiet tar-rikorrent ma jinkwadrawx ruhhom fl-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta’ l-ewwel subinciz ta’ l-imsemmi artikolu 6 u ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza biex jiddeciedi dwar dan l-ilment tar-rikorrent.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, fil-mertu jinghad li ghalkemm huwa veru li l-kumpanija intimata tat “redundancy gratuity” lil xi haddiema, dan sar hames xhur wara li r-rikorrent ghazel li jittermina l-impjieg tieghu. Din ir-redundancy gratuity inghatat biss lil dawk il-haddiema li kienu zejda u skond ftehim mal-General Workers Union milhuq nhar is-6 ta’ Settembru 1993 (ara kopja ta’ dan il-ftehim li giet annessa bhala Dok A). Issa, r-rikorrent stess qal fir-rikors tieghu li hu gie “accertat mis-Sur Mamo l-Assistent Chairman **permess tal-GWU,** li l-kumpanija ma kelliex il-hsieb li taghti lil haddiema redundancy scheme.” Dan kollu juri kemm hu veru li fiz-zmien li r-rikorrent ghazel li jittermina l-impjieg tieghu l-kumpanija intimata ma kienitx qed tikkontempla xi redundancy scheme. Li kieku f’April tal-1993 kienu ghaddejjin xi negozjati bejn il-Union u l-kumpanija dwar ir-redundancy scheme, l-Union

zgur li ma kienitx se tonqos milli tinforma lir-rikorrent b'dan.

Illi r-rikorrent ilmenta wkoll li hu nghata diversi trasferimenti u sofra ngustizzja ghax tilef madwar Lm33 fix-xahar allowance ta' engine driver minhabba dawn it-trasferimenti. Ir-rikorrent ilmenta li dawn it-trasferimenti kienu vendikattivi u saru minhabba fit-twemmin politiku tieghu. Illi qabel xejn, ghalhekk, jinkombi fuq ir-rikorrent biex jipprova li dawn it-trasferimenti kienu fil-fatt vendikattivi u saru minhabba t-twemmin politiku tieghu kif allega. Altrimenti, it-talbiet tieghu ma jistghux jreggu.

Illi inoltre l-kumpanija tikkontendi li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt ghax ma saret l-ebda vendikazzjoni jew ingustizzja mar-rikorrent. Infatti fit-28 ta' Ottubru, 1991, ir-rikorrent inghata promozzjoni ghal-kariga ta' Junior Marine Fitter (ara l-ittra tal-kumpanija Dok "B"). Fl-istess ittra r-rikorrent gie avzat li hu kellu jahdem skond l-esigenzi tax-xoghol.

Il-promotion tar-rikorrent tispjega ghalfejn ir-rikorrent ma baqax jippercepixxi l-allowance ta' Lm33 fix-xahar bhala engine driver. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li fl-istess him li jaccetta promotion ghal post gdid jibqa' jippercepixxi allowance ghal xoghol li ma baqax jaghmel.

Inoltre, l-allegazzjoni li r-rikorrent inghata diversi trasfrimenti hija wkoll infondata. Ir-rikorrent sempliciment intalab biex jaghmel ix-xoghol tieghu ta' Junior Marine Fitter f'diversi postijiet skond l-esigenzi tax-xoghol. Pero` r-rikorrrent baqa' dejjem jaghmel l-istess xoghol. Il-fatt illi r-rikorrent intalab jaghmel xogholu f'postijiet differenti ma jfissirx li nghata transfers. Ghalhekk il-Kumpanija ma tistax tifhem kif ir-rikorrent qed jallega li saret xi ngustizzja mieghu.

Illi ghal kwalukwe wahda mir-ragunijiet msemmija hawn fuq, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat flimkien mad-dokumenti prezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li kkonferma l-kontenut tar-rikors u semma li kien ilu jahdem mal-Kalaxlokk mill-1983 bhala Heavy Plant Driver u wara kien sar Engine Driver u kien beda jinghata allowance ghal Engine Driver ta’ Lm33 fix-xahar. Qal li fl-1987 kien mar il-Perit Cacopardo bhala Chairman u minn hemm beda jaqla’ hafna transfers. F’Jannar 1990 ghal Plant Stores, fi Frar 1990 ghal Mechanical Marines, f’April 1991 ghal Welders, f’Ottubru 1991 mal-Marine Workshop, f’Mejju 1992 ghall-Plant and Transport Workshop, f’Settembru 1992 ghal Ham Dredging u f’Novembru 1992 lura ghal Plant and Transport Workshop. Semma li meta ha dawk it-trasferimenti l-allowance ma baqax jirceviha. Ir-raguni li nghata ghat-transfer kienet li ma kellux ticket ta’ Engine Driver ghalkemm shabu kienu baqghu hemmhekk bhala Engine Drivers u ma kellhomx tickets ta’ Engine Driver. Fost shabu semma lil Steven Degabriele, Fredu Attard, Joe Seracino, C. Delia, Pawlu Sciberras, Leslie Buon Giovanni, Stanley Caruana u Marco Farrugia u dawn kienu ilhom mal-Kalaxlokk mill-1983 u sakemm dam hemm, hemm kienu ghadhom.

B’ konsultazzjoni mal-union u l-administration, kien sar Tradesman I izda xorta ma kienx lahaq il-paga li kien qed jircievi qabel bl-allowance. L-overtime li kien jaghmel ma kienx jidhol f’dak l-allownace. Kien ha tlett xhur unpaid leave ghax ried isib xoghol iehor minhabba li kien iddejjaq jiehu hafna transfers. Ghalkemm talab ghal aktar unpaid leave dan ma nghatax minhabba li s-Sur Mamo ma riedx jaghtih aktar unpaid leave. Semma li Stanley Caruana kien inghata tlett snin unpaid leave biex imur il-Libja, Willy Shields kien gie trasferit ghal Bahhar u Sewwi, u l-Perit

Privitelli kien inghata wkoll unpaid leave izda ma jafx jekk kienx impjegat mal-Kalaxlokk jew le, nghid li ma nafx.

Ir-rikorrent kien staqsa lil Anglu Fenech jekk hux ser tohrog is-somma u hu kien irrispondieh li le. Semma li kien telaq minn mal-kumpanija b' xahrejn notice u wara li telaq kienet harget is-somma liema somma ma kienx ha. Nghid li kien hemm madwar elf ruh li kienu hadu s-somma. Ir-rikorrent ikkalkula li s-somma kienet tista' tammonta skond il-paga tieghu ghal elfejn lira. Semma li x-xoghol mhux dejjem kien relatat max-xoghol li kien jaghmel meta kien jigi trasferit. Ir-rikorrent qal li ma kellux licenzja tal-maritime authority u ma kienx jaf li l-collective agreement jghid li ma jistax jiehu l-grad ta' engine driver jekk ma jkollux licenzja mill-maritime authority. Sostna li qatt ma kellu kopja tal-ktieb tal-ftehim kollettiv. Ir-rikorrent esebixxa l-avviz ta' trasferiment, it-talba tieghu ghall-unpaid leave u dokument li juri l-allowances li kien jiehu u li sussegwentement tilef.

Xehed <u>Anthony Attard</u> fejn semma li kien jahdem mal-Kalaxlokk minn April 1992 sa l-1998 u kien fis-sezzjoni tar-riggers. Lir-rikorrent jafu jahdem il-Kalaxlokk u hu kien jaf biss bit-trasferiment meta lir-rikorrent qalghuh mis-sezzjoni ta' l-inginiera. Semma li hu kien shop steward fil-kumpanija Kalaxlokk izda ma ftakarx id-data ta' meta lahaq. Dehrlu pero` ma kienx cert li r-rikorrent kien diga` spicca. Mistoqsi x'kien rikjest biex tkun engine driver qal li kien hemm zmien meta kien hemm bzonn li engine driver ikun bit-ticket izda dak iz-zmien, fi zmien ir-rikorrent, l-anqas il-masters ma kienu ikunu bit-ticket. Imbaghad aktar 'il quddiem kien giet in-necessita` li dawn ikunu bit-ticket, u ghalhekk kellhom jottjenu dan. Ftakar li kien hemm zmien meta bdew jinhargu formoli u jsiru xi ezami biex dan it-ticket jigi ottjenut minn dawn id-drivers.

Semma li hu dahal fl-1983 u damu xi erba snin minghajr il-bzonn ta' dak it-ticket. Ma ftakarx l-anqas meta sar l-ewwel ftehim ta' Ftehim Kollettiv izda t-tieni ftehim kollettiv dehrlu li sar ghall-habta tal-1992. Dawk li ma kellhomx ticket sa fejn jaf kienu ntbaghtu biex jottjenu dak it-ticket izda ma jafx li gew trasferiti.

Xehed Anglu Fenech fejn semma li hu kien Segretarju Generali tal-GWU u dam sal-1996. Qal li wara l-bidla fil-Gvern, kien ikollu hafna lmenti rigward ingustizzji li kienu qed isiru fil-Kalaxlokk. Zied ighid li r-rikorrent kien talab tlett xhur unpaid leave ghax kien imdejjaq fuq il-post tax-xoghol. Ikkonferma li r-rikorrent kien inghata diversi transfers. Ir-rikorrent kien fil-grad ta' Heavy Plant Driver izda kien tnehha u r-raguni kienet li ma kellux licenzja. Ftakar li r-rikorrent ried estenzjoni ta' l-unpaid leave izda ma kienux inghatawlu. Wara li r-rikorrent kien spicca, kien intlaqah ftehim bejn il-Union u l-Kumpanija u min kien ser jitlaq minn mal-Kumpanija kien ser jinghata s-somma. Id-diskussjonijiet kien bdew qabel ma telaq ir-rikorrent izda ma kienux finalizzati.

Xehed Alfred Attard fejn semma li llum pensjonant izda kien ghamel sittax-il sena jahdem mal-kumpanija Kalaxlokk. Dwar ir-rikorrent qal li kienu jghidulu il-Gogo` u jiftakar li gieli kien bahri, gieli kien mal-inginiera, gieli kien jaghmel xoghol ta' maintenance u kemm-il darba kien ikun fuq il-lanca. Qal li r-rikorrent kien engine driver u meta qal li kien ikun fuq il-lanca kien ifisser engine driver. Semma li meta kien engine driver kien ikollu allowance fix-xahar. Attard qal li r-rikorrent kien gie trasferit f'xi postijiet ohra fil-Kalaxlokk stess fosthom il-Land Stores u Mechanical Services u kien imur jaghmel xoghol ta' service fuq il-magni. Qal li hu spicca fi grad ta' Group D tlett snin qabel bhala engine driver.

Edwin Mamo Administration Manager fil-kumpanija Kalaxlokk ipprezenta affidavit fejn semma li ilu f'din il-kariga minn Marzu 1992. Qal li r-rikorrent kien impjegat mal-kumpanija bhala Labourer f'Marzu 1983 u f'Mejju 1986 ircieva allowance ta' Lm2.50 fil-gimgha peress li kien qed jahdem ta' Engine Driver liema allowance baqa' jzomm sal-10 ta' April 1991.

Meta kienu qed isiru t-tahdidiet mal-General Workers Union biex jigi formulat Ftehim Kollettiv, kienet ittiehdet decizjoni li kull min kien qed jiehu xi forma ta' allowance din kellha tieqaf. Dawk l-individwi li kienu gew affettwati

kienu gew investigati individwalment mir-rapprezentant tal-GWU. B’hekk fit-28 ta’ Ottubru 1991 ir-rikorrent gie moghti l-grad ta’ Junior Marine Fitter u fil-31 ta’ Jannar 1992 ta’ Construction Tradesman 1 (Fitting Duties). Meta r-rikorrent lahaq Junior Marine Fitter huwa ntbaghat jahdem fil-Marine Workshop. Meta kien qed jokkupa l-grad ta’ Construction Tradesman 1 (Fitting Duties) kien intbaghat jahdem fil-Plant and Transport Workshop minn fejn spicca f’April 1993.

Fit-18 ta’ Jannar 1993 ir-rikorrent applika sabiex jiehu tliet xhur leave bla hlas biex jipprova jsib xoghol iehor. Wara hafna dewmien it-talba tieghu giet milqugha u r-rikorrent kien gie nfurmat li kienu qed jaghtuh xahar leave minghajr hlas. Semma li wara li ghamel diversi talbiet verbalment biex jestendilu l-leave minghajr hlas, dawn gew milqugha kollha. Il-koncessjoni li kienet inghatat lilu kienet fil-kwadru ta’ Sezzjoni 104 ghax kien citat it-terminu ta’ tliet xhur. Sussegwentement ir-rikorrent kien irrizenja mix-xoghol fil-21 ta’ April 1993.

Meta gie biex jirrizenja r-rikorrent kien staqsieh jekk kenitx hierga xi somma ghal dawk il-haddiema li jirrizenjaw volontarjament mill-impjieg izda ma kien hemm xejn konkret u dan peress li l-kumpanija kienet bdiet tahdidiet mal-General Workers Union li min-naha taghha kienet qed topponi. Il-Ftehim gie milhuq fis-6 ta’ Settembru 1993 u dan kien hames xhur wara li r-rikorrent kien irrizenja.

Esebixxa zewg kopji ta’ Form K (Notification of changes among Directors) li juru li s-Sur Cacopardo kien appuntat Direttur/Chairman fl-20 ta’ Novembru 1990 u rrizenja f’Gunju 1992 u esebixxa wkoll kopja tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Kumpanija Kalaxlokk u l-General Workers Union liema kopja giet moghtija lir-rikorrent f’ Mejju 1992.

Meta dahal fis-sehh il-Ftehim Kollettiv, Engine Driver kien irid ikun fil-pussess ta’ Licenzja mahruga mid-Direttur tal-Portijiet. Qal li l-haddiema li kienu jokkupaw il-Grad ta’ Engine Drivers avolja ma kellhomx il-Licenzja kienu thallew f’dak il-grad “on a personal basis” bil-qbil mal-General Workers Union. Mill-1 ta’ Jannar 1992 sal-

gurnata tal-lum ebda persuna ma kienet impjegata bhala Engine Driver minghajr ma kellha dik il-licenzja li presentement tinhareg mill-Maritime Authority. Ir-rikorrent kien qieghed fuq skala ta’ paga 03 Group C fuq maximum grade ta’ Lm2927 u li kieku kellu jkun intitolat ghal Gratuity kien jiehu Lm1463.60. Dak iz-zmien kienu telqu mill-impjieg 126 haddiem.

Qal li r-rikorrent ma kienx intitolat ghas-somma ghax kien telaq mill-kumpanija. Is-somma tirrifletti t-tul taz-zmien li kien ilhom mal-kumpanija u dak iz-zmien is-somma li kienet tinghata kienet ta’ 26 gimgha paga. Semma li ma kien hemm ebda indiwidwi ohra li gew konsentiti jiehdu t-tlett xhur unpaid leave. Dwar xi nies li kienu jahdmu l-Libja u hadu xi sena unpaid leave qal li dak kien zmien wara ir-rikorrent, wara l-1994 meta l-kumpanija kienet seconded kollha kemm hi man-novita`. Dwar Stanley Caruana qal li hu ma kienx approvalu l-leave ghal sena unpaid.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent jinkwadra tliet aspetti. L-ewwel wiehed dak ta’ allowance ghal Redundancy Scheme, dwar telf ta’ allowance ta’ Engine Driver u dwar trasferimenti. Dawn iridu jigu ezaminati seperatament.

Fuq l-ewwel aspett u cioe` dak ta’ allowance ghal Redundancy Scheme l-intimat eccepixxa l-inkompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae.*** It-Tribunal kellu diversi okkazjonijiet fejn ezamina aspetti ta’ kompetenza izda sejjer jikkwota specifikament mill-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta’ Dicembru, 1999, fejn qal:

“Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid: …

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal.

Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad “ u b’mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita’ ta’ dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista’ tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…” Fl-Att VIII tal-1997 pero’ kull ma jinghad hu “dwar kull wiehed min dawn li gejjin:..” u ghalhekk il-legislatur f’dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta’ portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.
L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta’ membri, ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu

applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

“Ubi lex voluit dixit”. Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta’ ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecidida fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta’ Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta’ Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **terminazzjoni ta’ impieg** [ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta’ Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta’ Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta’ impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta’ l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta’ Mejju, 1998 f’kaz li kien jikkoncerna **hlas ta’ allowances mhux konnessi ma’ xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta’ Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta’ Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta’ Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta’ Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta’ increments, fabbrikazzjoni ta’ rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta’ allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta’ J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta’ Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta’ hlas ta’ paga**, fil-kaz ta’ Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta’ Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta’ hlas ta’ grant jew ghotja**, fil-kaz ta’ Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta’ Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta’ incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta’ Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta’ Mejju, 1995 **dwar ordni ta’ l-Awtorita’ Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor**, fil-kaz ta’ George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta’ Malta deciz fit-28 ta’ Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta’ medalja**, fil-kaz ta’ Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12

ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**, …"

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' allowance ghal redundancy scheme. Dan ma jissemma mkien fl-artikolu 6 (1) paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma jistghux jigu kunsidrati bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi; lanqas ma jistghu jigu kunsidrati bhala dhul fl-impieg. Certament ma huwiex licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi. Ghalhekk ma jaqax fil-kompetenza tat-Tribunal. Allowance ghal redundancy scheme jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal.

Inoltre t-Tribunal jixtieq izid li bhala stat ta' fatt ir-rikorrent irtira minn mal-kumpanija f' April 1993 meta kien hemm negozjati ghaddejjin bejn il-kumpanija u l-General Workers' Union. Ir-Redundancy Scheme dahlet bl-effett xhur wara u cioe` f' Settembru 1993 u ghalhekk certament ir-rikorrent ma kellu ebda dritt ghal tali scheme.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll minn telf ta' Engine Allowance. Irrizulta li r-rikorrent lahaq Junior Marine Fitter f' Ottubru 1991 u Construction Tradesman I f' Mejju 1992. Hu logiku li r-rikrorent ma jistax jippretendi promozzjoni u ghalhekk awment ta' paga u fl-istess hin li jibqa' jippercepixxa allowance ghal xoghol li ma baqax jaghmel. Hemm ukoll il-problema li r-rikorrent ma kellux licenzja ta' Engine Driver u ghalhekk xi whud thallew il-policy kienet li kemm jista' jkun dawn jinqatghu. Fil-kaz tar-rikorrent peress li ha l-promozzjonijiet kien logiku li ma jibqax jippercepixxi l-allowance in kwistjoni.

Jibqa' biss li t-Tribunal jezamina l-ilment tar-rikorrent dwar transfers u hawnhekk ukoll jidher li l-ilment tar-rikorrent mhux gustifikat ghal zewg ragunijiet. L-ewwelnett meta wiehed jiehu promozzjoni hu ferm possibbli li jigi spustat minn post ghall-iehor fejn jigi assenjat doveri godda. Inoltre jidher li hu kien jaghmel xoghol f' postijiet differenti u dan ma jfissirx li meta jkun qed jaghmel dan ikun hemm trasferiment izda li min-natura tieghu x-xoghol ikun jirrikjedi hekk altrimenti wiehed jasal ghall-konkluzjoni li

salesman ikun qed jinghata transfer ma' kull assenjazzjoni ta' xoghol. Ghal dawn il-motivi wkoll it-Tribunal jichad dan l-aspett tal-ilment.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------